# L-Annunzjata fil-kitba ta' San Ġorġ Preca

Carmel Bezzina B.A., M.A., M.Ed.Couns. (Bristol)

Is-Sibt, it-2 ta' Ġunju 2007. Lejlet il-kanonizzazzjoni tal-Beatu Ġorġ Preca. Il-Bażilika ta' Santa Maria Maggiore maħnuqa b'mijiet ta' pellegrini li telgħu Ruma minn kull rokna ta' Malta u Għawdex. Xena emozzjonanti li tqanqlek fl-ispirtu tiegħek. Tħossok ferħan u kburi mhux biss li tagħmel parti mill-Knisja Kattolika imma wkoll li inti Malti. L-ogħla awtoritajiet ċivili ta' pajjiżna fuq quddiemnett tal-kongregazzjoni. Imexxi l-velja ta' talb, bi tħejjija għall-kanonizzazzjoni ta' l-għada, Mons. Mario Grech, l-Isqof ta' Għawdex, fil-preżenza ta' l-Arċisqof ta' Malta, Mons. Pawl Cremona O.P. Jidwu madwar il-kolonnat tal-korsija tal-Bażilika n-noti ħelwin ta' l-innu Marjan *Vestis Honoris*, tant għażiż għal kull min trabba fis-Soċjetà ta' Dun Ġorġ: "Alla għażel b'Ommu lil Marija ... Lejha assoġġetta ruħu s-Sinjur Dominatur."



Il-Bażilika ta' Santa Maria Maggiore f'Ruma, waħda mill-erba' bażiliċi ewlenin tal-belt eterna.

Jiddomina fuq il-presbiterju tal-Bażilika l-ark absidali tal-mużajk li jfakkar il-Konċilju ta' Efesu, li fis-sena 431 iddikjara 'l Marija bħala Omm Alla, *Theotokos*. Il-filliera ta' fuqnett ta' dan l-ark absidali turi l-episodju tat-Tħabbira ta' l-Arkanġlu Gabriel lil Marija. Nistqarr li dak il-ħin ħassejtni ferħan ukoll li twelidt u tgħammidt u għadni ngħix sal-lum fil-Parroċċa ta' Ħal Balzan, iddedikata lill-Annunzjata. Dak il-ħin ma stajtx ma nġibx quddiem għajnejja r-rabta ta' Dun Ġorġ mal-Madonna, l-aktar fl-episodju tat-tħabbira tagħha, u kif huwa jgħaqqad din il-ġrajja mal-ġieħ kbir li ngħatat Marija bħala Omm Alla.



Is-Sibt, it-2 ta' Ġunju 2007. L-artal maġġur tal-Bażilika ta' Santa Maria Maggiore waqt il-Velja ta' Talb bi tħejjija għall-kanonizzazzjoni tal-Beatu Ġorġ Preca.

## Kittieb Marjan

F'din il-kitba, fl-okkażjoni tal-festa titulari tal-Parroċċa, nixtieq nuri l-post li għandha l-Annunzjata fil-kitba ta' San Ġorġ Preca. Daqqa t'għajn imqar ħafifa lejn il-kitbiet li ħallielna malajr turina li l-'Verġni Mbierka', kif kien iħobb isejjaħ Dun Ġorġ lill-Madonna, kellha post importanti fil-ħajja ta' dan il-bniedem t'Alla. Fost il-135 ktieb li kiteb fuq medda ta' kważi 50 sena,[1] għandu tmienja fuq Marija, li tnejn minnhom għadhom ma ġewx ippubblikati. L-ewwel ktieb kollu kemm hu fuq il-Madonna li kiteb Dun Ġorġ jismu *Il-Benedicta*, li deher stampat l-ewwel darba fl-1934. Fl-istess żmien inkiteb *Ir-Rużarju*, li deher f'żewġ edizzjonijiet. Fl-1945 ħareġ *Il-Lapidarju*, u mbagħad il-*Programm Speċjalissimu ta' Marija Santissima*, bl-*Imprimatur* ta' l-1948, li Dun Ġorġ kitbu biex isir mill-membri tas-Soċjetà Museumina fil-festa ta' Marija Mtellgħa s-Sema. Fl-1952 kiteb ktieb ieħor fuq ir-Rużarju, *Tagħlim ħafif fuq ir-Rużarju*, u għas-Sena Marjana ta' l-1954 kiteb programm Marjan ieħor bl-isem *Aula Sanctae Matris Virginis*. Żewġ manuskritti li jġibu s-sena 1959 fihom ukoll materjal fuq il-Madonna. Wieħed minnhom jismu *Marjoloġija*, bis-sottotitlu "L-Imbierka fost in-Nisa". L-ieħor hu l-*Alfabett fuq Marija Ssma*, parti minn xogħol li Dun Ġorġ semmieh *Alfabett Museumin*, u li minnu kien ippubblika biss parti fl-1960.[2] Iżda minbarra dawn il-kotba Dun Ġorġ għandu bosta siltiet u referenzi fuq Marija mxerrdin fil-kotba l-oħrajn tiegħu.

## L-Annunzjata

Fil-ktieb *Il-Benedicta* Dun Ġorġ jagħtina 31 narrazzjoni sabiex jinqraw waħda kull jum mill-membri ta' l-Għaqda tiegħu matul ix-xahar ta' Awissu. Dawn in-narrazzjonijiet fuq Marija Santissma huwa jqegħedhom fuq fomm l-Arkanġlu Gabriel, "li kien bi speċjalità magħżul minn Alla biex iħabbrilha l-kbira grazzja li hija sabet quddiem Alla." Il-ħsieb ta' Dun Ġorġ huwa li s-Soċjetà tiegħu "tedha b'mod speċjali fuq dan l-oġġett tant konsolanti, tant delizzjuż, u tant glorjuż ... u b'hekk dejjem iżjed din is-Soċjetà titkebbes bl-imħabba u bil-qima lejn Dik li fuqha tgħaxxqet is-Santissma Trinità."[3]

Fil-Kap 5 ta' dan il-ktieb Gabriel jirrakkonta l-ġrajja tad-dehra tiegħu lil Marija f'Nazaret. Huwa jħossu xxurtjat li fost l-anġli kollha kien magħżul hu sabiex jesegwixxi "ambaxxata hekk sublimi u hekk meraviljuża li l-Kelma eterna kienet biex tidħol fid-dinja mlibbsa bil-laħam tal-bnedmin."[4] Dun Ġorġ

---

[1] Alexander Bonnici, "Studju Kritiku dwar il-Kotba tal-Fundatur tal-Museum," *Pastor*, XX (Frar, 1987), p.17.

[2] Ara Natalino Camilleri, "Marija fil-Kitba ta' Dun Ġorġ Preca," dissertazzjoni mhix ippubblikata għall-grad B.A. fl-Istudji Reliġjużi, ippreżentata lill-Istitut ta' l-Istudji Reliġjużi tal-Fakultà tat-Teoloġija, 1988.

[3] Dun Ġorġ, *Il-Benedicta* (Malta: Societas Doctrinae Christianae, MUSEUM, 1997), p.4.

[4] *Ibid.*, pp. 12-13, *passim.*

jistħajjel lil dan l-Arkanġlu jilbes il-forma viżibbli u jidher "mimli bir-riverenza quddiem din il-Verġni," isellmilha 'mimlija bil-grazzja', u jgħidilha li l-Mulej jinsab magħha u li hija mbierka fost in-nisa. Gabriel ikompli jirrakkonta:

> Meta jiena semmejtilha li kellha tnissel u ssir omm, hija fehmet li dan kellu jsir bi ħsara tal-verġnità tagħha, li biha kienet isservi 'l Alla b'għożża imprezzabbilment kbira. Jien ipperswadejtha li kellha ssir omm u tibqa' verġni, għax mhux raġel iżda l-istess Spirtu s-Santu bil-qawwa divina kellu jopra dan il-misteru ta' l-inkarnazzjoni ta' l-Iben ta' Alla fil-ġuf tagħha.

Allura Marija, "b'sentimenti ta' umiltà," twieġeb lill-anġlu: "Hawn jien il-qaddejja tas-Sinjur; jintgħamel lili skond il-kelma tiegħek."

Fi tmiem in-narrazzjoni, bħal fin-narrazzjonijiet l-oħra kollha f'dan il-ktieb, l-Arkanġlu Gabriel jistieden lis-semmiegħa jsellmu lil Marija bil-versi ta' Luqa 1:28 u 1:42 billi jgħidu: "Sliem għalik, mimlija bil-grazzja, il-Mulej miegħek, imbierka inti fost in-nisa." Fl-aħħarnett tingħad il-*Gaude Maria Virgo*: "Ifraħ, o Verġni Marija, għax int sibt grazzja quddiem Alla. Inti li emmint għall-kelmiet ta' l-Arkanġlu Gabriel, fil-waqt li bqajt xebba, nissilt 'l Alla-u-Bniedem; u wara li tajtu lid-dinja, bqajt xebba bla mittiefsa. Omm Alla, idħol għalina." Dun Ġorġ kien iħobb jgħid li dan ir-responsorju hu meħud mill-uffiċċju divin tal-festa tal-Lunzjata.[5] Skond Natalino Camilleri, fil-ktieb *Il-Benedicta* "jidher li Dun Ġorġ eżawrixxa t-tagħlim dottrinali tiegħu kollu u ftit li xejn jinsab tagħlim Marjan ieħor fil-kotba li ġew wara li ma jinsabx b'xi mod f'dan il-ktieb."[6]



Ix-xena tat-Tħabbira ta' l-Arkanġlu Gabriel lil Marija li fiha jidher ukoll San Ġużepp. Parti mill-ark absidali tal-mużajk fil-Bażilika ta' Santa Maria Maggiore.

L-episodju tat-tħabbira ta' l-Anġlu Gabriel lil Marija, li ħareġ mill-pinna ta' l-evanġelista San Luqa u li jdoqq tant ħlejju fil-widna tal-Balzanin li jħobbu l-Lunzjata, Dun Ġorġ itennih fil-*Programm Speċjalissimu ta' Marija Santissima*. F'dan il-*Programm* insibu 15-il konferenza fuq il-mumenti ewlenin tal-ħajja ta' Marija u fuq il-virtujiet li dehru jiddu f'ħajjitha. Is-sitt konferenza tittratta l-Annunzjazzjoni ta' Marija Santissma. Fir-rakkont ta' din il-ġrajja, Dun Ġorġ jenfasizza l-ġieħ kbir li Alla ta lil Marija u wkoll l-umiltà ta' din ix-xbejba ta' Nazaret. Jikteb hekk:

> Ħadd ma jista' jfisser x'ġarrbet fl-ispirtu tagħha Marija, profondissma fl-umiltà tagħha, x'ħin semgħet imqiegħda għaliha dinjità hekk kbira li Alla nnifsu jkun iben veru tagħha, u Hija l-omm tiegħu; omm dejjem superjuri, u iben dejjem suġġett.
>
> Meta Alla għażel 'il Marija b'omm ta' l-Iben tiegħu donnu qiegħed il-limiti għall-omnipotenza tiegħu, għax donnu ma jistax Alla jeżalta iżjed 'il Marija meta taha dina d-dinjità.
>
> Veru li ħwejjeġ kbar għamel Alla ma' Marija, kif hija stess iddikjarat!
>
> Veru li Marija Santissma għandha raġun iżjed mill-bnedmin u mill-Anġli kollha li tirringrazzja 'l Alla, li tant ħabbha, li tant unuraha, li tant igglorifikaha![7]

Il-*Programm* jagħlaq bil-*Vestis Honoris*, li diġà semmejna, li Dun Ġorġ kien ikkompona qrib is-sena 1923. Il-*Vestis* hi għamla ta' litanija bil-Latin, li mbagħad inqalbet għall-Malti bl-isem *Libsa ta' Ġieħ*, li fiha Dun Ġorġ, wara li jiddikjara li Alla għażel b'ommu lil Marija u li lejha għoġbu "jassoġġetta ruħu s-Sinjur Dominatur," jattribwilha 36 titlu, imqassmin fi 12-il strofa bi tliet invokazzjonijiet kull waħda, li bihom jistqarrha sidt il-ħolqien kollu. Dan il-*Programm* fih taħlita ta' tagħlim u tifħir lil Marija, biex hekk dawk li jieħdu sehem fih, jew li jaqrawh, permezz ta' l-għarfien u l-meditazzjoni tal-ħajja u l-misteru ta' Marija, jitqanqlu għal devozzjoni vera, qima sinċiera u imitazzjoni tal-virtù.[8]

## L-Angelus

It-tħabbira ta' l-Arkanġlu Gabriel lil Marija l-Knisja tfakkarhielna tliet darbiet kuljum bit-tokki tal-qanpiena: fit-tmienja ta' filgħodu, f'nofs in-nhar, u fi nżul ix-xemx. Dun Ġorġ kellu wisq għal qalbu din il-prattika, li kien jagħmilha bl-ikbar devozzjoni. John Formosa, li kien midħla sew ta' Dun Ġorġ billi kien imur għandu jgħinu fil-kitbiet tiegħu, jgħidilna li meta Dun Ġorġ kien ikun id-dar "l-*Angelus* kemm-il darba kien jirreċitah kollu għarkubtejh, kif inhi d-drawwa fl-Ordni Karmelitan li tiegħu huwa kien Terzjarju." U jżid jgħid li jekk kien ikun ma' xi ħadd meta jsir il-ħin ta' l-*Angelus* arah jistieden lil dak li jkun biex jirreċitah miegħu.[9]

---

5 Ġorġ Borg, "Dun Ġorġ u l-*Gaude Maria Virgo*," *Dun Ġorġ*, Għadd 15, 1/1980, p.13. Skond Dun Ġorġ, din it-talba kkomponieha wieħed agħma f'Ruma fi żmien il-Papa Bonifaċju IV. Ara *Il-Ktieb ta' l-Istejjer*, n.37, p.40.

6 Natalino Camilleri, *op.cit.*, p.6.

7 Dun Ġorġ, *Programm Speċjalissimu ta' Marija Santissima* (Malta: Societas Doctrinae Christianae, MUSEUM, 1948), p.29.

8 Natalino Camilleri, op.cit., pp.9-10.

9 John Formosa, "Dun Ġorġ Preca u l-Annunzjazzjoni," *Ħal Balzan*, Nru 30, Lulju/Awissu 1976, p.4.

għal paġna 8

minn paġna 7

## L-imħabba ta' Alla għall-bniedem

Fil-ġrajja tat-tħabbira tal-Mulej, San Ġorġ Preca jintlaqat l-ewwel u qabel kollox mill-"imħabba eċċessiva t'Alla lejn il-bnedmin." Dun Ġorġ, l-appostlu tal-*Verbum Dei*, il-Kelma t'Alla li saret Bniedem, jgħaqqad il-*Fiat* ta' Marija lill-Anġlu Gabriel – 'ħa jsir minni skond kelmtek' – mal-*Fiat* setgħana ta' Alla li biha ħalaq l-univers fil-bidu taż-żmien. Fil-ktieb tiegħu *Is-Sena tas-Sinjur*, għal nhar il-25 ta' Marzu jgħidilna:

> Għal din il-kelma FIAT ta' l-Omm tiegħi Marija sar dak li ebda intellett maħluq ma jista' jifhem: il-kbira meravilja ta' l-inkarnazzjoni tiegħi fil-ġuf tagħha permezz ta' l-Ispirtu s-Santu. Għalhekk, fl-inkarnazzjoni tiegħi, ilmaħ l-imħabba eċċessiva t'Alla lejn il-bnedmin, ilmaħ l-Omnipotenza ta' Alla u d-dinjità fi grad li ma jistax ikun aqwa ta' l-Omm tiegħi Marija, u stagħġeb.[10]

L-istess ħsieb Dun Ġorġ itennih fil-ktieb *Il-Kors tal-Pellegrin Nisrani*. Fil-Waqfa Numru 1, wara li jitlobna "nġibu quddiem għajnejna l-Iben ta' Alla jitnissel bniedem b'opra ta' l-Ispirtu s-Santu fil-ġuf verġinali ta' Marija, malli hija qalet il-*Fiat* tagħha lill-Anġlu Gabriel," jitlobna nlissnu din it-talba: "Ġesù, Iben uniġenitu ta' Alla u tal-verġni Marija, agħtina l-grazzja li nifhmu l-kbira mħabba ta' Alla lejna bnedmin. Amen."[11]



Il-Madonna tal-*Verbum Dei*. Dun Ġorġ kien talab lill-pittur Rafel Bonnici Calì sabiex ipinġilu din ix-xbieha tal-Madonna b'idejha miftuħin beraħ u bil-kliem *Verbum Dei caro factum est* miktub fuq sidirha. Inkwadru bil-pittura ta' din il-Madonna taħt dan it-titlu 'ġdid' mibdi minn Dun Ġorġ kien ingħata lill-Papa Ġwanni Pawlu II bħala tifkira taż-żjara li hu għamel fid-Dar Ġenerali tal-MUSEUM fid-9 ta' Mejju 2001

Imsieħeb ma' dan l-għarfien ta' l-imħabba ta' Alla għalina l-bnedmin joħroġ is-sens ta' rikonoxxenza min-naħa tagħna. Fost it-talbiet sbieħ li kiteb Dun Ġorġ sabiex jingħadu ma' kull posta tar-Rużarju, insibu tnejn marbutin mal-konsiderazzjoni ta' l-ewwel misteru tal-ferħ. Lil Marija mħabbra mill-Anġlu jitlobha hekk: "O Verġni mbierka, itlob 'l Alla għalina li nkunu sinċerament rikonoxxenti lejn Kristu, li Alla veru sar Bniedem veru għas-saħħa tagħna. Amen." U fit-tieni talba: "O Verġni mbierka, agħmel li aħna b'sens veru ta' rikonoxxenza lejn ir-Redentur tagħna Ibnek nagħtu qima lill-kliem adorabbli: *Verbum Dei caro factum est*."[12]

## L-umiltà u d-dinjità ta' Marija

Marbuta ma' l-imħabba ta' Alla għall-bniedem, li wriet ruħha fl-inkarnazzjoni ta' l-Iben tiegħu, insibu r-riflessjoni ta' Dun Ġorġ fuq l-umiltà ta' Marija u d-dinjità tagħha ta' Omm Alla. Hija l-virtù ta' l-umiltà f'Marija li impressjonat l-aktar lil Dun Ġorġ, u hija din il-virtù li l-aktar jipproponi għall-imitazzjoni tagħna. Bil-fomm ta' Marija Santissma, Dun Ġorġ jgħidilna hekk: "Aħwa tiegħi, l-umiltà hija l-pedament ta' kull virtù. Il-grazzji tal-Mulej huma għall-umli, għax lis-suppervi Alla jistmerrhom. Ara qatt taħsbu jew tifhmu li intom xi ħaġa! Alla hu kbir, u biss mill-umli jiġi eżaltat."[13] Kien minħabba din il-virtù li "Alla għażilha biex tkun l-omm ta' l-Iben tiegħu uniġenitu, għax ra l-umiltà tagħha."[14] Għaldaqstant l-umiltà ta' Marija u d-dinjità tagħha ta' Omm Alla huma marbutin flimkien.

"Fl-ewwel misteru tal-ferħ, waqt ir-Rużarju," jikteb Dun Ġorġ, "aħseb fuq id-dinjità kbira tal-Madonna, dinjità ta' Omm Alla – m'hemmx fejn tasal iżjed – u ifirħilha għal dina l-grazzja li ħadd qatt ma kellu. L-anġlu qalilha: 'Inti sibt grazzja quddiem Alla'."[15] Fil-ktieb *Is-Sinagoga l-Ġdida*, Dun Ġorġ imur pass lilhemm meta jqiegħed fuq fomm l-istess Arkanġlu Gabriel dawn il-kelmiet: "Aħwa tiegħi, kbira u qaddisa hija Marija, u ħadd ma jaf u jista' jifhem kemm hi kbira, u lanqas Hija stess ma taf kemm hi kbira meta Alla għażilha biex tkun l-Omm vera u naturali tiegħu."[16]

Din id-dinjità ta' Marija tqegħedha f'pożizzjoni b'saħħitha sabiex hija tidħol għalina quddiem Alla. Għaldaqstant huwa fl-interess tagħna li nfittxu l-għajnuna tagħha fil-ħtiġijiet kollha tagħna. F'dan ir-rigward Dun Ġorġ jeżortana u jgħidilna: "Int min int, itgħaxxaq isma' fuq Marija Santissma u tpaxxa fuq il-kobor tagħha; lejha irrikorri b'fiduċja kbira u f'kull bżonn tal-ġisem u tar-ruħ, u b'hekk tassigura ruħek li qatt ma tiġi fuqek il-konfużjoni."[17] U b'fomm San Bernard ta' Clairvaux, devot kbir ta' Marija, iwasslilna dan il-messaġġ:

---

[10] Dun Ġorġ, *Is-Sena tas-Sinjur* (Malta: Societas Doctrinae Christianae, MUSEUM, 1991), p.21. Dan il-ktieb x'aktarx li Dun Ġorġ kitbu qabel il-bidu tas-snin 50, u kien stampat l-ewwel darba bħala suppliment tar-rivista *Dun Ġorġ* fl-1980/81. Reġa' kien stampat fl-2001 u tqassam b'xejn lil kull familja f'Malta u Għawdex fl-okkażjoni tal-beatifikazzjoni ta' Dun Ġorġ.

[11] Dun Ġorġ, *Il-Kors tal-Pellegrin Nisrani* (Malta: Societas Doctrinae Christianae, MUSEUM, 1998), p.5. Dan il-ktieb, għalkemm iġib id-data ta' l-*Imprimatur* l-1 ta' Ġunju 1942, kien stampat l-ewwel darba fl-1944.

[12] Dun Ġorġ, "Talb speċjali marbut ma' kull misteru tar-Rużarju," *Ir-Rużarju tal-Madonna* (Malta: Societas Doctrinae Christianae, MUSEUM, 1991), pp.90, 92. Dan il-ktieb jiġbor fih għadd ta' kitbiet ta' Dun Ġorġ fuq ir-Rużarju. L-ewwel kitba, "Ir-Rużarju tal-Madonna mqassam għal ħmistax-il Sibt," dehret l-ewwel darba fl-1932. Il-kitbiet l-oħra ħarġu fis-snin 50.

[13] Dun Ġorġ, *Is-Sinagoga l-Ġdida*, li jifforma t-tieni parti tal-ktieb *L-Eku tal-ħbieb u Is-Sinagoga l-Ġdida* (Malta: Societas Doctrinae Christianae, MUSEUM, 1998), p.39. Din il-kitba, li fiha Dun Ġorġ jisthajjel 100 qaddis (3 minnhom ripetuti) qed jagħtu messaġġ qasir relattiv ma' tagħlimhom, dehret l-ewwel darba f'*Kalendarju Museumin* bejn is-snin 1959 u 1963 bl-isem "Il-Qaddisin ikellmuna".

[14] Dun Ġorġ, *Programm Speċjalissimu ta' Marija Santissima, op.cit.*, p.39.

[15] Dun Ġorġ, *Direttorju Spiritwali* (Malta: Societas Doctrinae Christianae, MUSEUM, 1988), Direzzjoni Nru 589, p.101. Id-*Direttorju Spiritwali* deher l-ewwel darba fi 12-il librett ta' 16-il paġna l-wieħed, stampati f'intervalli bejn is-snin 1954 u 1960. Kien stampat fi ktieb wieħed l-ewwel darba fl-1988.

[16] Dun Ġorġ, *Is-Sinagoga l-Ġdida, op.cit.*, p.63.

[17] Dun Ġorġ, *Gwida għal Ulied il-Bnedmin fit-Triq tal-Paċi* (Malta: Societas Doctrinae Christianae, MUSEUM, 1999), p.17. Dan il-ktieb iġib id-data ta' l-*Imprimatur* Marzu 1960.

Aħwa tiegħi, ħadd li ttama fil-Verġni Mbierka ma sab il-konfużjoni. Marija hija kbira u xejn ma jonqosha: la s-setgħa, għax hi Omm Alla, lanqas ir-rieda, għax hi omm il-ħniena u omm il-bnedmin. Araw x'għamel Ġesù għal kelmitha f'Kana tal-Galilea. Għal għand Ġesù, mela, permezz ta' Marija.[18]

Fil-ktieb *Il-Lapidarju* huwa jesprimi l-istess ħsieb fuq id-dinjità ta' Marija quddiem il-Lapida Numru 13, imwaqqfa għall-memorja u għall-unur ta' Marija Santissma dwar l-Annunzjazzjoni tagħha. Wara li jistieden lill-pellegrin sabiex jieqaf quddiem din il-lapida u jagħti qima lil Marija Santissma b'inkin sinċier, kif jistiednu jagħmel quddiem il-lapidi l-oħra, Dun Ġorġ jagħtina l-iskrizzjoni miktuba fuq din il-lapida:



Ix-xbieha ta' Dsn Ġorġ Preca mdendla mal-faċċata tal-Bażilika ta' San Pietru fil-Vatikan għall-okkażjoni tal-kanonizzazzjoni tiegħu

> L-Anġlu Gabriel mibgħut minn Alla jidħol għand Marija, u b'qima kbira jsellmilha, u jħabbrilha x-xorti tal-missjoni tagħha li ssir omm Alla, u tibqa' verġni, u għarrafha li din id-dinjità tagħha kienet grazzja li ma bħalha.[19]

Imbagħad jifraħ lil Marija għall-grazzja li sabet quddiem Alla u jitlobha tidħol għalina li nirrikorru lejha għas-salvazzjoni ta' ruħna.

## Il-maternità divina

L-episodju tat-tħabbira lil Marija tant kien għal qalb San Ġorġ Preca li jitfaċċa f'lapidi oħra f'dan il-ktieb; ara, ngħidu aħna, lapidi numru 14, 15 u 18. Fil-Lapida Numru 18, marbuta b'mod speċjali ma' l-Inkarnazzjoni ta' l-Iben ta' Alla, billi hija "mwaqqfa bl-ikbar solennità għall-eterna memorja u għall-unur singulari ta' Marija Santissma dwar il-Maternità tagħha," il-kittieb b'qima lejn il-misteru ta' l-inkarnazzjoni jasal li jbiddel il-formula stabbilita ta' l-espożizzjoni tal-lapida u jistieden lill-pellegrin din id-darba sabiex jieqaf "quddiem din il-venerabbli Lapida, u għarkobtejk agħti qima lil Marija b'inkin devotissmu sa l-art."[20] L-iskrizzjoni fuq din il-lapida tgħid hekk:

> Meta Marija semgħet minn fomm l-anġlu li kellha ssir omm bla ebda taħsir tal-verġnità, allura ippronunzjat it-tremendissma *FIAT* (Ikun magħmul). Allura l-Ispirtu s-Santu ġie fiha, u bil-virtù tiegħu hija nisslet fil-ġuf tagħha 'l-Iben ta' Alla, veru Alla u veru Bniedem.

It-tema tal-maternità 'vera u naturali' ta' Marija tidher f'kitbiet oħra ta' Dun Ġorġ. Il-programm *Aula Sanctae Matris Virginis* jiftaħ b'dan l-invitatorju:

> Aħwa tiegħi, nidħlu fis-sala ta' l-omm verġni Marija, omm vera u naturali ta' Alla, u omm tagħna bnedmin adottivi, u noqogħdu madwar it-tron tagħha biex nivvenerawha, u biex nitolbuha, u biex nistqarruha denja ta' kull glorja.[21]

Fil-konklużjoni ta' l-istess programm, l-anġlu kustodju jistieden lid-diriġend tiegħu: "Sellmilha spiss [lil Marija] ma' sieħbi l-anġlu Gabriel, u hija twieġbek bil-għajnuna potenti tagħha ta' Omm Alla li hija, u tkun żgur fl-idejn tagħha."[22]

"M'hemmx dubju li Marija Santissma hija tassew kbira għad-dinjità tagħha li, fil-veru sens naturali, hija Omm Alla."[23] Fil-*Programm Speċjalissimu ta' Marija Santissima* huwa jesklama: "M'hemmx fejn tasal iżjed: Omm Alla!"[24] F'*Il-Ktieb il-Kbir*, meta jirrifletti quddiem Kristu Msallab fuq "Il-ħtieġa tad-devozzjoni lejn Marija Santissma," Dun Ġorġ jgħidilna: "Tista' tiddubita fuq il-kobor li ma jitqiesx ta' Marija Santissma meta hija vera Omm Alla?"[25] Dan il-kobor ta' Marija għandu jkun ta' ġieħ kbir għalina għax kien bis-saħħa tagħha li Alla sar wieħed minna: "Marija Santissma bil-kelma tagħha *Fiat* għaqqdet l-infinit mal-finit – nilmħu, immela, l-unur kbir għalina li permezz tagħha Alla sar wieħed mill-aħwa tagħna."[26]

Għalkemm Dun Ġorġ jisħaq fuq it-twemmin fil-maternità divina ta' Marija, kif definita fil-Konċilju ta' Efesu,[27] għal Dun Ġorġ, jgħidilna Natalino Camilleri, l-istess bħalma kienet għall-padri ta' Efesu,

18 Dun Ġorġ, *Is-Sinagoga l-Ġdida*, *op.cit.*, p.61.
19 Dun Ġorġ, *Il-Lapidarju* (Malta: Societas Doctrinae Christianae, MUSEUM, 2000), p.17. Dan il-ktieb deher stampat l-ewwel darba mil-Lux Press, il-Ħamrun, fl-1945.
20 *Ibid.*, p.20.
21 Dun Ġorġ, *Aula Sanctae Matris Virginis* [Santa Venera: Lux Press, 1954], p.3. *Aula Sanctae Matris Virginis* oriġinarjament kien programm ta' rtir Marjan li Dun Ġorġ għamel lis-soċji fl-okkażjoni tas-Sena Marjana ta' l-1954.
22 *Ibid.*, p.24.
23 Dun Ġorġ, *San Ġużepp* (Malta: Societas Doctrinae Christianae, MUSEUM, 1997), p.27. Dan il-ktieb, maħsub biex jinqara mill-membri tal-Museum tul ix-xahar ta' Marzu, kien ħareġ l-ewwel darba fl-1932.
24 Dun Ġorġ, *Programm Speċjalissimu ta' Marija Santissima*, *op.cit.*, p.24.
25 Dun Ġorġ, *Il-Ktieb il-Kbir* (Malta: Societas Doctrinae Christianae, MUSEUM, 1983), Paġna XXXVII, p.41. Dan il-ktieb kien stampat l-ewwel darba għall-użu privat tal-membri fis-snin 20; kien ukoll stampat darb'oħra ftit wara, u mbagħad ħareġ għal kulħadd l-ewwel darba fl-1967.
26 Dun Ġorġ, *L-Iskola Kattolika* (Malta: Societas Doctrinae Christianae, MUSEUM, 1988), Taqsima 16, n.80, p.80. Dan il-ktieb kien stampat l-ewwel darba fil-Lux Press fl-1945, u jġib l-*Imprimatur* bid-data ta' Awissu 1942.
27 Fost l-istqarrijiet li nsibu fil-ktieb *Kull Nisrani Għandu Jemmen* (Gżira: Universal Press, 1951), nru 29 tgħid hekk: Kull nisrani għandu jemmen "li Marija S.sma hija Omm vera u naturali ta' l-Iben t'Alla", p.7. F'*Id-Dixxipulat* jikteb li "għandna nemmnu li Marija S.sma hija omm vera u naturali ta' Ġesù Kristu veru Alla u veru bniedem." Ara *Id-Dixxipulat* (Malta: Societas Doctrinae Christianae, MUSEUM, 1988), n.12, p.7. Dan il-ktieb kien stampat l-ewwel darba fil-Vox Press, il-Ħamrun, fl-1944. Filwaqt li f'*L-Iskola Kattolika* jtenni: "Marija S.sma hija Omm Alla vera u naturali – nifirħulha, immela, u tassew minn qalbna għal dina l-kbira grazzja li hija waħedha sabet quddiem Alla." *Op.cit.*, Taqsima 16, n.83, p.80.

għal paġna 10

minn paġna 9

> din il-verità hija prinċipalment u essenzjalment verità dwar Kristu. L-Inkarnazzjoni tal-Verb Divin hija ċ-ċentru tal-kitba kollha ta' Dun Ġorġ ... Jekk Dun Ġorġ saħaq u rrepeta fuq il-Maternità Divina, dan għamlu biex isostni tagħlimu fuq l-għaqda ta' l-umanità mad-divinità fil-Persuna waħda ta' Ġesù Kristu.[28]

F'dan ir-rigward nistgħu ngħidu li Dun Ġorġ kien qabel żmienu wkoll, fis-sens li filwaqt li qabel il-Konċilju Vatikan II l-25 ta' Marzu kien iċċelebrat bħala l-festa ta' l-Annunzjata, festa prima klassi bit-titlu *In Annuntiatione Beatae Mariae Virginis*, wara r-riforma liturġika ispirata mill-istess Konċilju dan il-jum beda jissejjaħ is-Solennità tat-Tħabbira tal-Mulej, b'enfasi aktar kristoċentrika fuq l-Inkarnazzjoni ta' l-Iben ta' Alla.

## Ir-rabta ta' Marija mar-rieda ta' Alla

Fl-episodju ta' l-Annunzjazzjoni Dun Ġorġ jara wkoll ir-rabta ta' Marija mar-rieda ta' Alla. Fil-meditazzjoni tiegħu fuq l-ewwel misteru tar-Rużarju, fit-tweġiba ta' Marija lill-anġlu Gabriel: 'Hawn jien il-qaddejja tal-Mulej', Dun Ġorġ jirrifletti li "m'hix ħaġa ta' idejn il-bniedem li jagħżel l-istat jew it-triq li minnha wieħed jgħaddi, iżda biss ħaġa tal-providenza divina."[29] Għaldaqstant, "mhux reżistenza iżda rassenjazzjoni mar-rieda ta' Alla jagħmel min hu spiritwali." Dun Ġorġ jgħidilna li r-rassenjazzjoni tikkonsisti "f'li wieħed iħoll ir-rieda tiegħu mill-kreatura u jorbotha mar-rieda ta' Alla," u din lill-bniedem iġġiblu "paċi kbira, qdusija vera u tqiegħdu fil-glorja ta' dejjem." Hija din it-talba li jitlobna nagħmlu marbuta ma' dan l-ewwel misteru tal-ferħ: "Nitlobha taqlgħalna l-grazzja mingħand Alla li nkunu veri qaddejja tiegħu, għax hija qalet lill-anġlu: 'Hawn jien il-qaddejja tas-Sinjur'."[30]




Pjazza San Pietru fl-għodwa kollha xita tal-Ħadd, it-3 ta' Ġunju 2007. Il-Papa Benedittu XVI jikkanonizza erba' beati, fosthom San Ġorġ Preca, il-Fundatur tas-Soċjetà tad-Duttrina Nisranija (MUSEUM), l-ewwel qaddis kanonizzat Malti. Madwar ħamest elef Malti u Għawdxi kienu preżenti Ruma għal din l-okkażjoni

## Il-vera devozzjoni lejn Marija Santissma

Dun Ġorġ ippriedka u kiteb ukoll fuq il-vera devozzjoni lejn Marija Santissma. Għalkemm huwa kien prodott ta' żmienu f'dik li hi formazzjoni kemm teoloġika u kemm spiritwali, fid-devozzjonijiet tiegħu, bħal f'aspetti oħra, inqata' minn żmienu u bena fuq sisien ġodda. Hekk, id-devozzjoni tiegħu lejn il-Madonna ma kenitx devozzjoni mibnija fuq twemmin popolari u prattiċi fiergħa, iżda fuq sisien marjoloġiċi awtentiċi. "Id-devozzjonijiet tiegħu kollha," jgħidilna John Formosa, "kienu dejjem ippernjati fuq il-persuna ta' Kristu. Jekk hu kien devot kbir tal-Madonna, għax Hi kienet Omm Kristu, Omm il-Feddej, u għalhekk medjatriċi mill-aqwa, flimkien ma' u taħt Binha Ġesù, il-Medjatur waħdieni tal-Liġi kollha."[31] Għal Dun Ġorġ il-qima vera lejn Marija tfisser:

> ... qima interjuri mill-ispirtu u mill-qalb, ... qima qaddisa kollha stmerrija lejn id-dnub, u kollha għożża għall-virtujiet, ... qima kostanti li ma tabbandunax l-eżerċizzi spiritwali, ... qima diżinteressata li tfittex 'l Alla waħdu, u 'l Alla fl-Omm qaddisa tiegħu.[32]

Fil-ktieb tiegħu li jġib l-isem *Il-Ktieb tas-Sinjali*, Dun Ġorġ jagħti sensiela ta' 43 sinjal ta' min hu tassew devot ta' Marija. Fost dawn is-sinjali jispikkaw dawk marbutin mas-sehem ta' Marija fil-misteru ta' Kristu. Hekk, il-veru devot ta' Marija "jifirħilha bil-qalb għall-kbira u unika grazzja li sabet quddiem Alla, jara fiha b'mod speċjali t-Tjubija u s-Sapjenza ta' Alla li għażilha b'Omm is-Salvatur tagħna, ibierek il-ġuf verġinali tagħha li ġieb lill-Iben ta' Alla magħmul bniedem, u s-sider li reddgħu."[33] Sinjali oħra ta' qima vera lejn Marija f'min "jieħu gost u jitpaxxa jisma' fuqha, jaħdem biex ixerred id-devozzjoni lejha, jagħtiha qima, u jżommha bħalma iben iżomm lil ommu."[34] Iżid ukoll li d-devot veru ta' Marija ma jabbużax mit-tjubija tagħha, iżda jimitaha fl-umiltà u fil-karità tagħha, u jqimha bir-Rużarju li hu tant għal qalbha.[35]

---

[28] Natalino Camilleri, *op.cit.*, pp.23-24.

[29] Dun Ġorġ, "Ir-Rużarju tal-Madonna mqassam għal ħmistax-il Sibt," *Ir-Rużarju tal-Madonna, op.cit.*, pp.11, 10, *passim*.

[30] Dun Ġorġ, "Tagħlim ħafif fuq ir-Rużarju," *Ir-Rużarju tal-Madonna, op.cit.*, p.50. Ara wkoll "Ir-Rużarju – ħsibijiet għal waqt li jingħad," *ibid.*, p.57; "Il-ħmistax-l Inkwatru tar-Rużarju," *ibid.*, p.73; u "Talb Speċjali marbut ma' kull Misteru tar-Rużarju," *ibid.*, pp.86, 88.

[31] John Formosa, "Devot kbir ta' Santa Anna," *Dun Ġorġ*, Għadd 26, 1986, p.3.

[32] Dun Ġorġ, *Ġinnasju Spiritwali* (Malta: Societas Doctrinae Christianae, MUSEUM, 1981), Attendenza Nru 74, p.79. Dan il-ktieb kien stampat l-ewwel darba fis-snin 30 tas-seklu l-ieħor.

[33] Dun Ġorġ, *Il-Ktieb tas-Sinjali u tal-Mezzi* (Malta: Societas Doctrinae Christianae, MUSEUM, 1982), Sinjali Nru 12, 27, 36, pp.29-30. Fl-ewwel żewġ edizzjonijiet tiegħu (1942, 1964) dan il-ktieb kien ġie ppubblikat f'żewġ volumi. F'din l-edizzjoni (1982) ġie ppubblikat għall-ewwel darba f'volum wieħed.

[34] *Ibid.*, Sinjali Nru 3, 4, 8, *loc.cit.*

[35] Ara Dun Ġorġ, *It-Teżor ta' Missirijietna* (Malta: Societas Doctrinae Christianae, MUSEUM, 1988), Sentenza Nru 74, p.7; u Dun Ġorġ, *X'għandna nagħmlu biex insalvaw ruħna* (Malta: Societas Doctrinae Christianae, MUSEUM, 1990), Paragrafu Nru 8, p.10. *It-Teżor ta' Missirijietna* kien stampat l-ewwel darba fl-1950 fil-Lux Press. Il-ktieb *X'għandna nagħmlu biex insalvaw ruħna* kien miktub minn Dun Ġorġ lejn is-sena 1958, u kien moqri lill-membri ta' l-Għaqda tiegħu fil-laqgħat li hu kien jagħmlilhom. Kien ippubblikat l-ewwel darba f'forma stensiljata u mqassam fost il-membri tal-MUSEUM fl-1980.

Id-devozzjoni vera lejn Marija Santissma Dun Ġorġ kien iqisha sinjal ta' predestinazzjoni għan-nisrani. Huwa jibni l-argument tiegħu fuq il-vers mill-*Magnificat* fiż-żjara ta' Marija lil Eliżabetta: 'Imbierka jgħiduli l-ġenerazzjonijiet kollha' (Luqa 1:48). Il-kelma ta' Marija hija hekk setgħana li saħansitra Kristu nnifsu qagħad għal kelmitha fit-tieġ ta' Kana. Jistaqsi Dun Ġorġ: "Jekk permezz ta' Marija Santissma ħareġ l-awtur tal-grazzja, tistenna inti xi grazzja mingħajrha?"[36]

Din id-devozzjoni vera ma teskludix il-qima lejn ix-xbihat qaddisa, billi dawn jistgħu jgħinuna nerfgħu ħsibijietna u qlubna 'l fuq lejn ir-realtà. Fl-ispiritwalità tiegħu Dun Ġorġ ukoll ra s-siwi ta' dawn ix-xbihat qaddisa, kif jidher tajjeb mill-paragrafu li jikkonkludi bih il-ktieb *Direttorju Spiritwali*, fejn huwa jħeġġeġ lill-qarrejja tiegħu sabiex iżejnu l-ħitan ta' kamrithom b'inkwatri għeżież li lejhom ikunu jistgħu jitfgħu l-ħarsa tagħhom kull jum. Fost dawn ix-xbihat, Dun Ġorġ isemmi x-xbieha tal-Lunzjata, x'aktarx minħabba r-rabta ta' din il-festa ma' l-inkarnazzjoni ta' l-Iben ta' Alla.[37] Il-festa ta' l-Annunzjazzjoni kienet għal Dun Ġorġ il-festa tal-*Verbum Dei*, għax wara kollox kien dakinhar li seħħ il-misteru l-kbir ta' l-Inkarnazzjoni.

Inħossni ċert li fi djar il-Balzanin kollha żgur li ma tonqosx xi xbieha tal-Lunzjata meqjuma b'għożża. Jalla meta nħarsu lejn ix-xbieha tal-Lunzjata fi djarna, jew meta nitfgħu ħarsitna lejn il-vara devota li għandna fil-knisja, jew ukoll lejn il-kwadru titulari tal-kor, ma neqfux fuq dawn ix-xbihat tant għeżież iżda nħalluhom ixennquna biex mix-xbieha ngħaddu għar-realtà, u minn issa 'ma narawx is-siegħa li naraw il-wiċċ tagħha [ta' Marija] kollu ħlewwa', kif jgħidilna San Ġorġ ta' Malta.[38] ❐

***Kitbiet oħra li kienu konsultati:***


(Dun) Anton Abela, "It-Teoloġija ta' Dun Ġorġ fuq il-Madonna," *Dun Ġorġ*, Għadd 29, 1990, pp.22-28.

Carmel Bezzina, "Id-Devozzjonijiet f'Dun Ġorġ," *Dun Ġorġ*, Għadd 30, 1990, pp.66-72. Dan l-artiklu kien ippubblikat f'Oliver Friggieri (ed.), *Il-Beatu Ġorġ Preca ta' Malta* (Malta: Klabb Qari Nisrani, 2001), pp.45-57.

(Dun) Ġużepp Fenech, "Il-Madonna fil-ħajja u t-Tagħlim ta' Dun Ġorġ," *Dun Ġorġ*, Għadd 14, 1/1978, pp.7-15.

John Formosa, "Dun Ġorġ u l-Madonna tal-Karmnu," *ibid.*, pp.16-26.


---

[36] Dun Ġorġ, *Il-Ktieb il-Kbir, op.cit.*, Paġna XXXVII, p.41.

[37] Dun Ġorġ, *Direttorju Spiritwali* (Malta: Societas Doctrinae Christianae, MUSEUM, 1988), *op.cit.*, Direzzjoni Nru 605, p.104. Xbihat għeżież oħra li jsemmi Dun Ġorġ huma dawk tas-Santissma Trinità, ta' Kristu msallab, tal-Madonna bi Kristu mejjet fi ħdanha, tas-Sagra Familja, ta' San Ġwann il-Battista, ta' San Mikiel Arkanġlu, tal-qaddis ta' isem il-persuna, u ta' San Gejtanu.

[38] Skond Dun Ġorġ, sinjal ta' vera devozzjoni lejn Marija huwa li wieħed "ma jarax is-siegħa li jara l-wiċċ tagħha kollu ħlewwa." Ara Dun Ġorġ, *Il-Ktieb tas-Sinjali u tal-Mezzi, op.cit.*, Sinjal Nru 13, p.29.